# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 7 ta' Mejju 2001**

**Avviz. numru 105/00**

**Numru 28**

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Iris Montesin**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' tlett mija tlieta u tletin lira (Lm333) kwantu ghas-somma ta' tlett mija u tmintax-il lira (Lm318) prezz ta' merkanzija lill-konvenuta mibjugha u kkonsenjata u in kwantu ghas-somma ta' hmistax-il lira (LM15) imghaxijiet legali mill-konvenuta dovuti fuq l-istess somma sad-data tal-avviz.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-avviz sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx fil-25 ta' April 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm333.00,0 bl-imghax legali mis-27 ta' Jannar 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Dep.Reg